REGOLAMENT (UE) 2019/1677 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Settembru 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1333/2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji

(BĊE/2019/29)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/48) ([2]) jeħtieġ ir-rapportar ta' dejta statistika mill-aġenti li jirrapportaw sabiex is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ), fil-qadi ta' dmirijietha, tkun tista' tipproduċi statistika dwar is-suq monetarju tal-euro.

(2) Sabiex tkompli tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' statistika ta' kwalità għolja dwar is-suq monetarju tal-euro, jeħtieġ li jiġu emendati l-istandards minimi li għandhom jiġu applikati mill-aġenti li jirrapportaw taħt ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48). Minbarra d-dmir li jiġu pprovduti rapporti fil-ħin dwar kull tranżazzjoni fl-ambitu tal-obbligu ta' rapportar lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jew lill-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) relevanti u sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni statistika li tirrigwarda dawn it-tranżazzjonijiet hija imparzjali, oġġettiva u affidabbli u hija kkumpilata u sottomessa b'mod li tipproteġi l-integrità tagħha, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jagħmlu lilhom infushom disponibbli biex jirrispondu fi ħdan skadenzi stabbiliti għal kull mistoqsija li ssir mill-BĊE jew mill-BĊNi dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni statistika. Iż-żamma ta' dawn l-istandards minimi hija saħansitra aktar importanti meta d-dejta tiġi ppubblikata mill-BĊE fuq bażi ta' kuljum meta jkun qiegħed iwettaq il-kompiti tiegħu tas-SEBĊ.

(3) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-popolazzjoni attwali li tirrapporta tissodisfa r-rekwiżit addizzjonali li tirrispondi għal mistoqsijiet imqajma mill-BĊE jew il-BĊNi, l-istandards minimi taħt l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) għandhom jiġu ssupplimentati.

(4) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) għandu jiġi emendat f'dan is-sens,

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1333/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-istatistika tas-swieq monetarji (BĊE/2014/48) (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 97).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda

L-Anness IV għar-Regolament (UE) Nru 1333/2014 (BĊE/2014/48) jiġi sostitwit bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Settembru 2019.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Mario DRAGHI

ANNESS

"ANNESS IV

Standards minimi li jridu jiġu applikati mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta

L-aġenti li jirrapportaw iridu jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jilħqu r-rekwiżiti tar-rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:
   (i) ir-rapportar irid isir fil-ħin u fi ħdan id-dati ta' skadenza stipulati mill-BĊE u l-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) relevanti;
   (ii) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format tagħhom mir-rekwiżiti tar-rapportar tekniku stipulati mill-BĊE u l-BĊN relevanti;
   (iii) l-aġent li jirrapporta jrid jipprovdi d-dettalji ta' persuna jew persuni ta' kuntatt lill-BĊE u lill-BĊN relevanti;
   (iv) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni tad-dejta lill-BĊE u l-BĊN relevanti jridu jiġu segwiti.
2. Standards minimi għall-preċiżjoni:
   (i) l-informazzjoni statistika trid tkun korretta;
   (ii) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jagħtu informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati mid-dejta mibgħuta;
   (iii) l-informazzjoni statistika trid tkun kompluta u m'għandhiex ikollha lakuni kontinwi u strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊE u lill-BĊN relevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis;
   (iv) l-aġenti li jirrapportaw iridu jsegwu d-dimensjonijiet, il-politika ta' tqarrib u d-deċimali stipulati mill-BĊE u l-BĊN relevanti għat-trażmissjoni teknika tad-dejta;
   (v) l-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrispondu bl-informazzjoni meħtieġa sad-dati ta' skadenza stabbiliti mill-BĊE jew mill-BĊN relevanti għal kwalunkwe komunikazzjoni mill-BĊE jew mill-BĊN relevanti li titlobhom jikkonfermaw il-preċiżjoni tal-informazzjoni statistika jew biex iwieġbu għal kwalunkwe mistoqsija dwar il-preċiżjoni tagħha.
3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:
   (i) l-informazzjoni statistika għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;
   (ii) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jimmonitorjaw u jikkwantifikaw, fuq bażi regolari, id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;
   (iii) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta trażmessa meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi preċedenti.
4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

   Il-politika ta' reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN relevanti għandhom jiġu segwiti. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom jiġu akkumpanjati b'noti ta' spjegazzjoni.
5. L-istandards minimi għall-integrità tad-dejta:
   (i) l-informazzjoni statistika trid tkun ikkumpilata u trażmessa mill-aġenti li jirrapportaw b'mod imparzjali u oġġettiv;
   (ii) l-iżbalji fid-dejta trażmessa jridu jiġu kkoreġuti u kkomunikati mill-aġenti li jirrapportaw lill-BĊE u lill-BĊN relevanti fl-iqsar żmien possibbli."